MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 921/1991/2

**Emanuel Ellul; u b'dikriet tat-28 ta' Marzu 2006 il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Alexandra *sive* Sandra Falzon Scerri**

***Versus***

**John, Adelaide, xebba, u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul, u l-istess Michael Calleja bħala amministratur tal-beni parafernali ta' l-imsemmija martu, u għall-interess li għandhom Emeric, u Charles *sive* Carmelo aħwa Ellul; u b'dikriet tas-7 ta' Mejju 2002, wara l-mewt ta' John Ellul, il-kawża tkompliet f'isem Adelaide, u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul bħala werrieta ta' John Ellul**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-leġittima li tmiss lilu mill-wirt ta' missieru.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-12 ta' Marzu 1984 miet Carmelo Ellul, missier il-partijiet, b'testment tat-2 ta' Lulju 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia. Carmelo Ellul kien armel

għax martu Adalgisa kienet mietet qablu fl-10 ta' Jannar 1976.

Fit-testment tiegħu Carmelo Ellul, wara li ħalla xi legati, kien ħatar bħala werrieta tiegħu lil uliedu l-konvenuti Adelaide, John u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul, f'ishma ndaqs, u lil uliedu l-oħra, l-attur Emanuel Ellul u l-konvenuti Carmelo *sive* Charles u Emeric aħwa Ellul, ħallielhom il-leġittima li tmiss lilhom taħt il-liġi.

Qabel ma miet Carmelo Ellul kien iddispona minn kważi l-proprjetà immobbli tiegħu kollha, kemm dik partikolari kif ukoll sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, favur it-tliet uliedu John, Adelaide u Edmea (li kien ħatar werrieta) bis-saħħa ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, wieħed tat-18 ta' Lulju 1977 u l-ieħor tat-30 ta' Jannar 1978. Il-prezz għat-trasferiment tal-proprjetà kollha — li kienet konsiderevoli — b'kollox deher li kien ta' sbatax-il elf lira (Lm17,000).

Il-prezz tassew tal-proprjetà kien ferm akbar minn dak miftiehem u li deher li tħallas fuq il-kuntratti, u għalhekk, igħidu l-atturi, it-trasferimenti, jew uħud minnhom, għandhom jitqiesu li ma jiswewx, ukoll għax kienu jaħbu donazzjonijiet bil-ħsieb illi jiksru l-jeddijiet tat-tliet ulied li lilhom kienet tmiss il-leġittima. Għalhekk, fl-assi tal-mejjet *de cuius* għandha tidħol mhux biss il-proprjetà li kellu meta miet iżda wkoll dik li deher li kien iddispona minnha kif imfisser fuq.

Barra minn hekk, il-partijiet ma jaqblux dwar x'kienu l-assi tal-mejjet *de cuius*, u għalhekk baqgħet ma ġietx likwidata l-leġittima li tmiss lil Emanuel, Carmelo *sive* Charles u Emeric Ellul.

L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm bejn Carmelo u Adalgisa Ellul;
2. taqsam l-akkwisti f'żewġ ishma ndaqs;
3. tassenja sehem lill-wirt ta' Carmelo Ellul u ieħor lill-wirt ta' Adalgisa Ellul;
4. tillikwida l-assi ereditarju ta' Carmelo Ellul billi tgħid illi huwa magħmul mill-assi li jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża, wara illi tgħid illi t-trasferimenti li għamel bil-kuntratti tat-18 ta' Lulju 1977 u tat-30 ta' Jannar 1978 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza kienu *in toto* jew *in*

*parte* dispożizzjonijiet b’titolu gratuwitu u għalhekk ma jiswewx;
5. tillikwida l-leġittima li tmiss lill-attur mill-wirt ta’ missieru;
6. tikkundanna lill-konvenuti John, Adelaide u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul, jittrasferixxu lill-attur il-leġittim li tmiss lilu; u
7. taħtar nutar biex jippubblika l-att relativ ta’ trasferiment u kuratur biex jidher f’isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni ta’ l-att.
Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.
Il-konvenuti John Ellul, Adelaide Ellul, Edmea Calleja u Michael Calleja ressqu l-eċċezzjoni illi ma jopponux għat-talbiet ħlief għar-raba’ talba għax it-trasferimenti li saru bil-kuntratti tat-18 ta’ Lulju 1977 u tat-30 ta’ Jannar 1978 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza kienu b’titolu oneruż wara stima magħmula mill-Perit Richard Aquilina.
Il-konvenuti Charles *sive* Carmelo u Emeric aħwa Ellul ressqu l-eċċezzjoni illi ma għandhomx ibatu spejjeż għax jaqblu mat-talbiet kollha ta’ l-attur.
B’dikriet tal-5 ta’ Novembru 1991 il-qorti ħatret perit legali sabiex bil-għajnuna ta’ perit tekniku jirrelata dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet. Il-perit tekniku ħalef ir-rapport tiegħu fl-24 ta’ Mejju 2000, u ħalef rapport addizzjonali fis-6 ta’ Novembru 2003, u l-perit legali irrelata fil-11 ta’ Ġunju 2003.
Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:
B’testment tat-2 ta’ Lulju 1976, fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia, Carmelo Ellul, *de cuius*, wara li ħassar kull testment li kien għamel qabel, ħatar bħala werrieta lil uliedu l-konvenuti Adelaide, John u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul, f’ishma ndaqs, u lil uliedu l-oħra, l-attur Emanuel Ellul u l-konvenuti Carmelo *sive Charles* u Emeric aħwa Ellul, ħallielhom il-leġittima li tmiss lilhom taħt il-liġi. Billi l-partijiet ma qablux dwar il-likwidazzjoni tal-leġittima, l-attur fetaħ din il-kawża biex jitlob is-sehem tal-leġittima li tmiss lilu skond il-liġi mill-wirt ta’ missieru.
Biex tinħadem il-leġittima, fil-wirt jidħol mhux biss dak li l-mejjet *de cuius* ikun ħalla wara mewtu — *relictum* — iżda wkoll dak li jkun qassam b’titolu gratuwitu matul ħajtu — *donatum* — kif igħid l-art. 620(3) tal-Kodiċi Ċivili:

**620.** (3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.

L-attur qiegħed igħid — u dan huwa l-meritu ewlieni tal-kawża — illi dak li t-testatur deher illi kien qiegħed ibigħ b'żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, wieħed tat-18 ta' Lulju 1977 u l-ieħor tat-30 ta' Jannar 1978, fis-sewwa kien qieħed jiddisponi minnu b'titolu gratuwitu, u għalhekk għandu jidħol fil-wirt biex tinħadem il-leġittima. Fi kliem ieħor, l-attur qiegħed igħid illi l-kuntratti tat-18 ta' Lulju 1977 u tat-30 ta' Jannar 1978 kienu donazzjonijiet moħbija taħt il-libsa ta' bejgħ.

B'dawk iż-żewġ kuntratti, Carmelo Ellul, *de cuius*, deher li qiegħed ibigħ il-biċċa l-kbira tal-beni tiegħu, kemm dawk parafernali kif ukoll sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, lit-tliet uliedu illi b'testment magħmul ftit aktar minn sena qabel kien ħatarhom werrieta.

Sewwa jgħid il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu illi l-fatt illi Carmelo Ellul kien qiegħed ibigħ proprjetà lill-istess ulied li kien ħatarhom werrieta tiegħu, u illi għalhekk eventwalment kienu sejrin jirtu dik il-proprjetà, għalkemm fih innifsu ma huwiex prova konklużiva, madankollu joħloq suspett ta' xi ħsieb ulterjuri. Dan is-suspett ikompli jissaħħaħ meta tqis illi, skond l-istima magħmula mill-perit tekniku, il-proprjetà parafernali, li nbigħet bil-prezz ta' tlitt elef, ħames mija u sebgħa u tletin lira (Lm3,537), fiż-żmien tal-bejgħ kienet tiswa tlittax-il elf u mitt lira (Lm13,100), u s-sehem tal-proprjetà tal-komunjoni, li nbigħ bil-prezz ta' sittax-il elf u tmenin lira (Lm16,080), fiż-żmien tal-bejgħ kien jiswa tnejn u tletin elf, sitt mija u erbgħin lira (Lm32,640).

Meta tqis din id-differenza x'aktarx goffa fil-prezz, il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-perit legali illi l-kuntratti tassew kienu donazzjonijiet simulati.

Imiss issa li nqisu jekk id-dispiożizzjoni kinitx għal kollox b'titolu gratuwitu, jew kinitx biss *in parte* b'titolu gratuwitu għax tħallas għall-inqas il-prezz li deher fuq il-kuntratt, għalkemm dan ma kienx daqskemm kienet tiswa tassew il-proprjetà.

Carmelo Ellul, *de cuius*, miet fit-12 ta' Marzu 1984, xi seba' snin wara li deher li kien daħħal tlitt elef, ħames mija

u sebgħa u tletin lira (Lm3,537) u sittax-il elf u tmenin lira (Lm16,080), b'kollox dsatax-il elf, sitt mija u sbatax-il lira (Lm19,617), miż-żewġ kuntratti li qegħdin inqisu. Barra minn hekk, fl-istess żmien Carmelo Ellul kien daħħal ħamsa u erbgħin elf lira (Lm45,000) minn bejgħ ta' ishma, li minnhom ħallas għoxrin elf (Lm20,000) lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u għalhekk fadallu ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000), u kien daħħal ukoll aktar minn għoxrin elf lira (Lm20,000) minn kirjiet. Għalhekk, b'kollox kellu dħul nett ta' qrib il-ħamsa u sittin elf lira (Lm65,000).

L-attur Carmelo Ellul xehed illi, meta miet, Carmelo Ellul ħalla sbatax-il elf lira (Lm17,000), li jfisser illi fi ftit aktar minn seba' snin Carmelo Ellul kien nefaq tmienja u erbgħin elf lira (Lm48,000), jew madwar sitt elef u tmien mitt lira (Lm6,800) fis-sena, bejn tmiem is-snin sebgħin u l-bidu tas-snin tmenin, meta l-flus kienu jiswew aktar milli jiswew illum.

F'ċirkostanzi normali l-qorti kienet forsi tasal li temmen illi min kellu ġid daqs kemm jidher li kellu Carmelo Ellul kien sejjer fl-aħħar snin ta' ħajtu jgawdi flusu biex igħix b'kumdità. Fil-każ tallum, iżda, ġà rajna illi Carmelo Ellul kien kompliċi ma' wħud minn uliedu biex iċaħħad lil uliedu l-oħra minn dak li jmiss lilhom, u għalhekk il-qorti aktar temmen illi Carmelo Ellul ma daħħalx il-flus li deher li daħħal milli temmen li nefaq somma li, għal dawk iż-żminijiet, kienet somma x'aktarx kbira u li l-konvenuti ma offrew ebda prova biex juru kif seta' nefaqha. Il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi d-dispożizzjoni kienet għal kollox b'titolu gratuwitu.

Ngħaddu issa biex nagħmlu l-likwidazzjoni tal-wirt għall-għanijiet ta' kalkolu tal-leġittima billi nqisu kemm kienu jiswew kemm ir-*relictum* kif ukoll id-*donatum* fil-waqt meta miet Carmelo Ellul, *de cuius*.

Mir-relazzjonijiet tal-periti ġudizzjarji jidher illi fil-waqt tal-mewt il-wirt, magħduda wkoll id-donazzjonijiet, kien jiswa mija u sitt elef u sittin lira (Lm106,060), u d-djun tal-wirt kienu mitejn u tnejn u disgħin lira (Lm292) u għalhekk il-wirt kien jiswa mija u ħamest elef, seba' mija u tmienja u sittin lira (Lm105,768).

Billi l-ulied kienu sitta, il-leġittima tiġi n-nofs, u sehem l-attur jiġi sehem minn sitta tan-nofs, jew sehem wieħed

minn tnax ($^{1}/12$) tal-wirt, li jiġi jiswa tmint elef, tmien mija u erbatax-il lira (Lm8,814).

Billi l-art. 648(*b*) tal-Kodiċi Ċivili jrid illi l-beni mogħtija b’donazzjoni għandhom jiġu mgħaqqdin mal-beni li jkun fadal fil-wirt “b’kalkolu biss”, u billi l-beni tal-wirt, wara li jinqata’ l-valur tad-donazzjonijiet, huwa biżżejjed biex titħallas il-leġittima, ma hux meħtieġ illi jsir tnaqqis tad-donazzjonijiet.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża, u tiddisponi mit-talbiet ta’ l-attur, billi, wara li tgħid illi bil-kuntratti tat-18 ta’ Lulju 1977 u tat-30 ta’ Jannar 1978, Carmelo Ellul, *de cuius* kien iddispona minn ħwejġu b’titolu gratuwitu, u għalhekk dawk il-kuntratti għandhom jitqiesu illi kienu donazzjonijiet, tillikwida l-wirt ta’ l-istess Carmelo Ellul billi tgħid illi l-wirt jiswa mija u ħamest elef, seba’ mija u tmienja u sittin lira (Lm105,768), u tillikwida s-sehem tal-leġittima li jmiss lill-attur fis-somma ta’ tmint elef, tmien mija u erbatax-il lira (Lm8,814); tikkundanna lill-konvenuti Adelaide u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul, iħallsu lill-werrieta ta’ l-attur (billi dan miet waqt li kienet miexja l-kawża) is-somma ta’ tmint elef, tmien mija u erbatax-il lira (Lm8,814).

L-ispejjeż kollha tal-kawża, kemm dawk ta’ l-attur kif ukoll dawk tal-konvenuti Emeric u Charles *sive* Carmelo aħwa Ellul għandhom iħallsuhom il-konvenuti Adelaide u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------